**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 210/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Camilleri**

Illum, 2 ta' Gunju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Anthony Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 228266(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Frar 2020 għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10.45hrs) u fil-ġranet, ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Wied Qirda, l/o Ħaz-Zebbuġ (Malta) b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wara li kien ġie notifikat b'ordni għal waqfien jew ordni ta' konformita' jew ordni oħra taħt l-artikolu 76 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u ċioe Ordni ta' Waqfien u ta' konformita' OWK 0071/19 maħruġa fil-15 ta' Novembru 2019, naqas milli jħares xi waħda mill-esiġenzi ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih, u ċioe peress li ma waqafx immedjatament mill-attivita' u dan bi ksur ta' l-artikolu 84(1)(c) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi taħt il-*proviso* ta' l-artikolu 84(1) tal-Kap.

549, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-Liġi relevanti, senjatament ir-regolament 84(1)(c) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Anthony Camilleri ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundanatu għall-ħlas ta' multa ta' sitta u tletin elf Ewro (Eur. 36,000) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 1,500 fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-22 ta' April 2022, fejn talab lil din l-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar is-6 t'April 2022 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tillibera lill-esponent mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-Perit Anthony Vassallo, Alexander Borg, Stanley Gatt u Dr. Aimee Brincat mitluba biex jixhdu mid-difiża f'dan l-istadju ta' reviżjoni u dan limitatament in konnessjoni mal-kwistjoni tal-multa amministrattiva imposta mill-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi fil-konfront ta' *Infrastructure Malta* marbuta mal-infrazjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravji intentati mill-appellant fir-rikors ta'l-appell, il-Qorti ser tqies il-preġudizzjali minnu sollevata dwar l-irritwalita' ta' dawn il-proċeduri stante l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva maħruġa mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi għall-infrazjoni mertu ta' dan il-każ, fejn allura, fil-fehma tad-difiża, japplikaw d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 81 u 83 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' dawn il-proċeduri penali.**

Illi, minn ezami akkurat tal-atti proċesswali, senjatament mix-xhieda mogħtija minn Stanley Gatt, in rappreżentanza tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, jirriżulta li nhar it-28 ta' Ottubru tas-sena 2019, l-Awtorita' irċeviet informazzjoni li kienu qed isiru xogħlijiet ġewwa Wied Qirda, li hija mħarsa bħala sit ta' konservazzjoni. Minn spezzjoni li saret fuq il-post, ġie nnutat li kien sar twessiegħ tat-triq, ġiet imneħħija l-veġetazzjoni, sar skavar tal-qiegħ tal-wied u saret kostruzzjoni ta' *retaining wall* bil-globiġerina *limestone blocks* mal-ġenb tal-wied. Sussegwentement, l-Awtorita' kienet għamlet investigazzjoni interna sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx inħareġ permess sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet, liema investigazzjoni rriżultat fin-negattiv. Ħareġ, madanakollu, illi f' Novembru tas-sena 2018 kienet saret talba minn naħa ta' *Infrastructure Malta* sabiex isiru xi interventi f'dan il-wied. Meta intalbet kjarifika minn għand *Infrastructure Malta* dwar in-natura tax-xogħolijiet li kellhom isiru, din wieġbet testwalment "*yes, urgent works in view of road collapse*".

Illi l-Awtorita' ma qablitx ma tali kostatazzjoni magħmula minn *Infrastructure Malta* u nhar l-14 ta' Novembru tas-sena 2019, saret spezzjoni ulterjuri fuq is-sit in kwistjoni, fejn irriżulta li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet fuq il-bini tat-triq minn ħaddiema tas-soċjeta' AC Group Limited, fejn huma ġew ordnati verbalment sabiex jieqfu mix-xogħol tagħhom. In segwitu nhar il-15 ta' Novembru 2019, l-Awtorita' ħarġet Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' li twaħħlet fuq is-sit in kwistjoni u anke intbagħtet kopja bil-posta lill-partijiet konċernati, liema ordni inħarġet fil-konfront ta' Frederick Azzopardi, in rapprezentanza ta' *Infrastructure Malta* kif ukoll fil-konfront ta' AC

Group Limited, u fil-konfront tal-appellant Anton/Anthony Camilleri "*obo AC Group Limited*".

Illi nhar is-16 ta' Novembru 2019, reġġħet saret spezzjoni mill-Awtorita' fejn instab li minkejja li l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' kienet għadha *in vigore*, ix-xogħlijiet f'Wied Qirda tkomplew u dan billi sar tħaffir aktar estensiv u saħansitra kienet qed titqiegħed sodda tal-konkos. Sussegwentement saret spezzjoni oħra nhar it-18 ta' Novembru tas-sena 2019 filgħodu fejn irriżulta li għal darb'oħra x-xogħlijiet kienu baqgħu għaddejjin. Dakinhar ġie mitkellem l-appellant, fejn saħaq li hu kien qed jaħdem fuq struzzjonijiet ta' *Infrastructure Malta*. Madanakollu, l-appellant qabel li x-xogħlijiet jieqfu. Iżda meta saret spezzjoni oħra dakinhar stess filgħaxija, instab li minkejja li ftit siegħat qabel, l-appellant kien intrabat li jwaqqaf ix-xogħlijiet, dawn l-istess xogħlijiet fil-fatt tkomplew.

Illi, nhar it-2 ta' Jannar tas-sena 2020 imbagħad saret spezzjoni oħra fejn instab li l-medda tal-art kienet ġiet mimlija sa fuq kif ukoll kien tkompla l-iskavar u tqiegħdu planki minn naħa għall-oħra tal-wied sabiex jiġi ffurmat pont. Ukoll, nhar l-20 ta' Jannar tas-sena 2020, fi spezzjoni oħra, irriżulta li x-xogħlijiet tkomplew u kien ingħata wiċċ tal-konkos fuq il-*bridge* u fuq it-triq. Fl-aħħarnett kienet saret spezzjoni nhar is-6 ta' Frar 2020 fejn irriżulta li l-iskavar tkompla. Dakinhar fuq il-post kienu anke marru l-Pulizija li taw id-debita kawzjoni lill-appellant li baqa' jisħaq li huwa kien qed jimxi fuq l-istruzzjonijet ta' *Infrastructure Malta*.

Illi għalhekk huwa indubitat illi l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' ġie ripetutament miksur meta x-xogħlijiet f'Wied Qirda tkomplew fuq medda twila ta' żmien, minkejja l-istess Ordni.

Illli ftit taż-żmien qabel il-prolazzjoni tas-sentenza mill-Ewwel Qorti jirriżulta illi l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, ħarġu "***Avviż dwar Multa ta' kuljum rigward l-Ordni OWK0071/19 maħruġ fuq sit fi u maġenb Triq ta' Għaqba, ġewwa Wied Qirda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta***" kontra *Infrastructure Malta* fit-termini tar-*Regolamenti dwar il-Multi ghal Kull Ġurnata Rigward l-Ambjent,* Leġislazzjoni Sussidjarja 549.72, fl-ammont ta' €50,100. Dan l-Avviż ħareġ fl-24 ta' Marzu 2022, liema multa tħallset minn

*Infrastructure Malta* fil-mori ta' dan l-appell u speċifikatament fit-12 ta' April 2022[1]. Illi l-Qorti semgħet ix-xiehda tal-Perit Anthony Vassallo u ta' Dr. Aimee Brincat, rappreżentanti ta' *Infrastructure Malta* u ta' l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi rispettivament, li kkonfermaw dan il-fatt.

Id-Difiża, minn naħa tagħha, għalhekk fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, issostni illi l-proċeduri penali odjerni llum huma irritwali u dan għaliex ġaladarba l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi għoġobha tirrikorri għal ħlas ta' penali amministrattiva in konnessjoni mal-infrazjoni li seħħet f' Wied Qirda ġewwa Ħaż-Żebbuġ, allura dawn il-proċeduri ma jistgħux jissokktaw skont il-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-artikoli 78 *et. seq* tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Awtorita' wara li jkun inħareġ minnha Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' fit-termini ta'l-artikolu 74 u 76 ta'l-Att. Illi fit-termini ta'l-artikolu 76(3) tal-Att, ngħata żmien hmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-Ordni sabiex isir ir-restawr tas-sit għall-istat naturali tiegħu, b'dan illi sar avviż ukoll fl-imsemmi Ordni li l-ksur tiegħu jassoġġetta lil vjolatur tal-Ordni għal multi għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' ottemperanza jew konformita' mal-Ordni, u dan skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.72 illi jistabbilixxi r-rati tal-Multi għal kull ġurnata ta' ksur u dan fit-termini ta'l-artikolu 76 u 78 ta'l-Att. Illi fl-imsemmi Ordni jingħad illi l-imposizzjoni tal-multa għal kull ġurnata ssir "*mingħajr ħsara għal kwalunkwe multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi taħt id-disposizzjonijiet tal-Att 1 tal-2016 u qed tinħareġ mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Awtorita' jidhrilha xieraq li tieħu fiċ-ċirkostanzi*." Dan l-Ordni inħareġ fil-konfront ta' Frederick Azzopardi *Chief Executive Officer Infrastructure Malta*[2], AC Group Limited[3], u Anton Camilleri, l-appellant (obo AC Group Limited)[4].

[1] Ara Dokumenti DV1 u DV2 a fols. 254 sa 257 tal-atti.
[2] Dokument SG8 a fol.41
[3] Dokument SG9 a fol.45
[4] Dokument SG10 a fol.49

Illi wara din in-notifika, l-persuni li f'isimhom tinħareġ l-Ordni għandhom dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lilhom magħmula ta' din l-Ordni. F'dan il-każ ma jidhirx li sar xi appell fit-terminu preskritt fl-artikolu 76(9). Bis-saħħa ta'l-Artikolu 77, imbagħad, l-Awtorita' għanda is-setgħa tidħol fis-sit u tenforza il-waqfien u tagħmel ix-xogħolijiet rimedjali meta ma jkunx hemm konformita' mal-imsemmija Ordni. Lanqas dan ma jidher illi seħħ fil-każ in diżamina.

Illi l-artikolu 78 tal-Att imbagħad jistabbilixxi ukoll illi :

> **"..... Kull persuna soġġetta għal ordni għal waqfien li tonqos milli tobdi l-imsemmi ordni, jew inkella meta ma jkunx sar appell kontra ordni ta' konformità jew ikun sar appell minn ordni ta' konformità iżda dan ikun ġie kkonfermat, skont il-każ, u l-persuna li hi soġġetta għall-ordni ta' konformità tonqos milli tobdi dak l-ordni fiż-żmien stabbilit fl-ordni stess, dik il-persuna għandha teħel penali li ma taqbiżx il-mija u ħamsin euro (€150) għal kull ġurnata li matulha jissokta dak in-nuqqas wara l-iskadenza taż-żmien li jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità taħt ir-regolamenti msemmija; u l-Awtorità tista' tirkupra dik il-penali mill-imsemmija persuna bħala dejn ċivili dovut lilha."**

Illi minbarra l-imposizzjoni ta' din il-multa ġornaljera, l-Awtorita' għandha is-setgħa ukoll li tadotta il-proċedura speċjali imsemmija fl-artikolu 80 li jitkellem dwar l-multa amministrattiva li tista' tiġi imposta meta jkun hemm il-vjolazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-liġi enkapsolati fil-Kapitolu 549 u ukoll meta persuna tonqos milli tosserva xi ordni jew direttiva maħruġa mill-Awtorita' fejn jingħad b'mod speċifiku marbut mal-fattispeċje ta' dan il-każ:

> **1) L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull persuna li:**
>
> **(ċ) tonqos milli tobdi xi ordni għal waqfien jew ordni ta'konformità u d-dispożizzjonijiet li fihom;**
>
> **(2) Multa amministrattiva imposta taħt is-subartikolu (1) m'għandhiex taqbeż il-mitt elf euro (€100,000) għal kull kontravvenzjoni jew l-elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta l-Awtorità tat l-avviż dwar l-impożizzjoni tal-multa amministrattiva.**

Illi huwa evidenti għalhekk illi l-leġislatur għamel distinzjoni bejn il-multa għal kull jum ta' nuqqas u l-hekk imsejħa penali amministrattiva ikkontemplata fl-artikolu 80,

liema penali amministrattiva ma jidhirx li kienet imposta mill-Awtorita' f'dan il-każ, u dan x'aktarx għaliex kienu mnehdija dawn il-proċeduri penali fil-konfront tal-persuni li kontra tagħhom inħarġet l-Ordni. Illi qabel tinħareġ il-penali amministrattiva, l-artikolu 81 imbagħad jitkellem dwar il-proċess li jiġi segwiet fejn il-vjolatur jkun notifikat bil-ħsieb li tiġi imposta din il-penali u tagħtih iż-żmien sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu jew inkella sabiex jikkonforma ruħu mal-Ordni fejn hekk jingħad fis-sub-inċiż (3):

> **Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur għas-sodisfazzjon tal-Awtorità fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li żżomm mal-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, u tħallas il-multi akkumulati ta' kuljum li l-imsemmi ksur kien soġġett għalihom skont l-artikolu 78, l-Awtorità għandha tieqaf milli tipproċedi ulterjorment.**

Dan ifisser għalhekk illi meta jkun hemm konformita' u azzjoni rimedjali abbinat mal-ħlas tal-multa ġornaljera, l-Awtorita' ma tipproċediex bid-deċiżjoni tagħha li timponi l-penali amministrattiva.

Illi imbagħad is-sub-inċiż 6 tal-artikolu 81 jlibbes din id-deċiżjoni tal-Awtorita', fejn timponi din il-penali amministrattiva, bis-setgħa ta' titolu eżekuttiv u dan fit-termini ta'l-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, bl-Awtorita', iżda, trid tagħti r-raġunijiet kollha għal kull deċiżjoni hekk mogħtija.

Illi l-qofol ta' dawn il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti jinsab f'dak dispost fis-sub-inċiż (9) għall-artikolu 81 u li d-difiża qed tistrieħ fuqu meta tqanqal il-preġudizzjali dwar l-irritwalita' ta'l-azzjoni penali pendenti kontra l-appellant, fejn hemm hekk dispost testwalment:

> **(9) Fil-każijiet kollha fejn l-Awtorità timponi penali amministrattiva u kwalunkwe azzjoni dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir minn xi persuna u dak l-għemil jew nuqqas jikkostitwixxi wkoll reat kriminali, ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew kontra l-imsemmija persuna għal dak ir-reat kriminali <u>jekk il-persuna tħallas il-penali u twettaq kull azzjoni </u>li tkun ġiet imposta.**

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti allura illi d-disposizzjoijet tas-sub-inċiż (9) għall-artikolu 81 huma marbuta intrinsikament mal-proċedura speċjali kkontemplata fl-

artikoli 80 u 81 u mhux ukoll mal-imposizzjoni tal-multa ġornaljera li hija kkontemplata fl-artikolu 78, sabiex b'hekk hija l-penali amministrattiva li jitkellem dwarha l-artikolu 80 u l-proċedura imfassla fl-artikolu 81 li għandhom ix-xejra ta' multa ta' natura penali imposta bi skop punittiv u allura sabiex isservi bħala deterrent fuq l-awtur tar-reat. Illi allura l-għan wara l-artikolu 81(9) hawn fuq ċċitat huwa sabiex il-vjolatur tal-liġi ma jkunx sentenzjat jew kastigat darbtejn għall-istess fatti, bit-teħid ta' proċeduri penali kontra tiegħu meta kienu diġa' imposti **fuqu** penali amministrattivi li għandhom ix-xejra ta' piena ta' natura kriminali. Illi kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-QEDB f'diversi sentenzi tkellmu dwar in-natura punittiva tal-multi amministrattivi. Ġie deċiż[5] illi:

> **"..... jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta' deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f'ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala 'criminal penalty'."[6]**

Illi mfassal dan it-tagħlim ġurisprudenzjali ormai rassodat, jirriżulta lil Qorti mill-atti proċesswali illi ma ttieħdet ebda deċiżjoni mill-Awtorita' sabiex l-appellant ikun ordnat iħallas penali amministrattiva u dan wara li huwa ma ottemperax ruħu mal-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' kif kien mitlub jagħmel għall-iktar minn darba mill-Awtorita', u dan la qabel ma kienu stitwiti l-proċeduri penali odjerni u lanqas fil-kors ta'l-istess. L-unika multa imposta mill-Awtorita' kienet dik tal-multa ġornaljera minħabba in-nuqqas ta' konformita' mal-Ordni u dan sakemm ix-xogħolijiet twaqqfu u saru ix-xogħolijiet rimedjali għas-sodisfazzjon ta'l-Awtorita', liema multi, apparti li inħarġu unikament fil-konfront ta' *Infrastructure Malta*, fil-fehma tal-Qorti, għandhom sura differenti minn dawk tal-penali amministrattivi, b'dawn tal-aħħar għandhom il-karatteristiċi imfassla fil-ġurisprudenza u b'mod ewlieni fid-deċiżjoni tal-QEDB *Engel and others vs the Netherlands*[7] fejn kien stabbilit dak li għandhom jkunu il-kriterji li jikostitwixxu '*a criminal charge*', kif gew ċċitati fid-deċiżjoni *Ruotsalainen vs Finland*[8].

[5] David Mifsud vs. Onor. Prim Ministru et - QK 24/06/2016
[6] Vide fost ohrajn Ozturk v. Germany App No 8544/79 [1984] u Ruotsalainen v. Finland App No 13079/03 [2009] u Grande Stevens v. Italy
[7] No 5100,71 23.11.1976. A22
[8] 13079/03, ECHR (16.06.2009)

> *"43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: " Ezeh and Connors vs the United Kingdom [GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "Ozturk vs Germany", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "Jussila vs Finland [GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors", cited above, § 82-86)."*
>
> *"The notion of 'criminal' is however an autonomous one. So when the court is satisfied that the first decision before it is 'final', it must also address whether it was 'criminal' for the purpose of Article 4. Here it looks to the 'general principals concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" respectively in Articles 6 and 7 of the Convention'. It has regard to such factors as 'the legal classification of the offence under national law: the nature of the offence, the national legal characteristics of the measure, its purpose, nature and degree of severity, whether the measure was imposed following conviction for a criminal offence and the procedures involved in the making and implementation of the measure'. As the Court has noted this range of criteria is wider than that used in the Engel for article 6 of the Convention."*

Illi mhux biss il-multa ġornaljera hija mposta għal kull jum ta' nuqqas ta' konformita' u għalhekk tiżdied unikament mal-jiem ta' nuqqas ta' aderenza mal-Ordni, iżda jirriżulta fuq kollox, kif diġa' ingħad, illi din il-multa tħallset minn *Infrastructure Malta* u għalhekk ma tistax teżonera lill-appellant mir-responsabbilita' penali għall-vjolazzjoni tal-liġi minnu magħmul, li għalkemm l-Ordni ħarġet ukoll fil-konfront tiegħu, għażel xortawaħda li jibqa' għaddej bix-xogħolijiet u dan meta stqarr illi dan għamlu għaliex kien qed jirċevi ordni mill-klijent tiegħu u ċioe' minn *Infrastructure Malta* sabiex jinjora l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' imposta fuqu minn Awtorita' imwaqqfa bil-liġi u li għandha setgħat kważi-ġudizzjarji. Mhux biss iżda mix-xiehda ta' Dr. Aimee Brincat mogħtija quddiem din il-Qorti jidher illi l-multa

ġornaljera baqgħet tiddekorri sal-05 ta' Frar 2022 u ċioe' sad-data meta l-Awtorita' kienet sodisfatta li x-xogħolijiet rimedjali saru. Dan ifisser illi sal-mument meta ġew istitwiti l-proċeduri kriminali kontra l-appellant, la kienu saru x-xogħolijiet rimedjali kif suġġeriti mill-Awtorita', u lanqas kienet għadha tħallset il-multa ġornaljera sabiex għalhekk l-Awtorita' setgħet tipproċedi jew bil-proċeduri kriminali odjerni jew inkella b'deċizjoni fejn timponi l-penali amminsitrattiva għal ksur tal-liġi, bl-Awtorita' f'dan il-każ tagħżel it-triq tal-ewwel u mhux it-tieni. Dan ifisser illi l-appellant baqa' qatt ma ġie sanzjonat għal vjolazzjoni tiegħu tal-liġi u allura tal-ksur li dwaru huwa kien mixli bl-imputazzjonijiet lilu addebitati f'dan il-każ. Illi l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' inħareġ mhux biss kontra *Infrastructure Malta*, iżda kontra s-soċjeta AC Group Limited u kontra l-appellant, bl-Awtorita' ma tieħu ebda deċiżjoni fit-termini ta'l-artikolu 80 sabiex il-ksur kommess mill-appellant jkun sanzjonat, iżda eżiġiet il-ħlas tal-multa ġornaljera fit-termini ta'l-artikolu 78 biss kontra *Infrastructure Malta*. Illi l-ksur tal-liġi li jwassal għall-azzjoni kriminali ma jistax jkun ekwiperat mal-azzjoni ċivili fejn allura il-ħlas tad-dejn anke minn terz iwassal għall-estinzjoni tal-obbligazzjoni. Illi fil-kamp kriminali kull persuna trid twieġeb għal vjolazzjoni tal-liġi kommess minnha u ma jistax iwieġeb għaliha it-terz.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx allura illi l-preġudizzjali sollevata mid-difiża jistħoqqilha akkoljiment u kwindi billi l-artikolu 81(9) tal-Kap.549 ma jsibx applikazzjoni fil-konfront tiegħu, qiegħda tiċħad l-istess.

**Ikkunsidrat**:

Illi miċħud il-preġudizzjali sollevat mill-appellant dwar l-irritwalita' tal-azzjoni penali, jifdal biex ikunu trattati l-aggravji minnu sollevati fir-rikors ta'l-appell bl-ewwel wieħed ikun dak illi l-akkużat ma setax jinstab ħati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet lilu addebitati fil-vesti personali tiegħu għaliex għalkemm l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' nħarġet fil-konfront tiegħu personali, madanakollu huwa kien qed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal tas-soċjeta AC Group Limited.

Minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-appellant, f'ismu personali, huwa mixli illi naqas milli jħares l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita OWK 0071/19 maħrug fil-15 ta' Novembru 2019 u dana wara li kien notifikat bl-imsemmi Ordni u dan bi ksur tal-artikolu 84(1)(c) tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta.

Issa huwa indubitat u nkontestat illi l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' ħareġ, fost persuni oħra, ukoll kontra l-appellant u dan kif jirriżulta mid-Dokument AG10 eżebit a fol.49 tal-proċess, fejn hemm hekk indikat fl-imsemmi Ordni - *Anton Camilleri, obo AC Group Limited*". Dan wassal lill-Ewwel Qorti għal konkluzjoni illi din l-Ordni kienet inħarġet f'isem l-appellant personalment. Illi għalkemm l-appellant iqanqal bħala id-difiża tiegħu il-fatt illi għalkemm l-imsemmija Ordni ħarġet f'ismu personali madanakollu huwa dejjem aġixxa bħala uffiċjal tas-soċjeta AC Group Limited, madanakollu ma jidhirx illi fl-ebda mument huwa oġġezzjoni għal ħruġ ta' din l-Ordni fil-konfront tiegħu personali u lanqas ressaq xi appell fit-termini tal-artikolu 76(9) tal-Att sabiex jikkontesta l-istess, kif kellu dritt li jagħmel skont il-liġi, biex b'hekk l-Ordni baqgħet fuq saqajha fil-konfront tal-appellant fil-vesti tiegħu personali.

Issa huwa minnu illi kif jemerġi mix-xhieda in difeża imressqa mill-appellant u ċioe' l-uffiċjal inkarigati mix-xogħolijiet gewwa *Infrastructure Malta,* illi kienet is-soċjeta AC Group Limited li kienet inkarigata teżegwixxi ix-xogħolijiet strutturali fuq it-triq mertu ta' dawn il-proċeduri, madanakollu l-Ordni nħarġet ukoll fil-konfront ta'l-appellant, li, kif ingħad, ma ikkontestax l-istess fit-terminu mogħti lilu bil-liġi. B'hekk meta x-xogħolijiet tkomplew fuq is-sit, fuq ordni tal-appellant stess, u dan kif jemerġi mix-xiehda tar-rappreżentanti tal-Awtorita' li kienu fuq il-post, seħħ il-ksur maħsub fil-liġi u li dwaru huwa ġie mixli.

Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies illi l-appellant huwa imħarrek fil-kapaċita vikarja tiegħu fit-termini ta'l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[9],

[9] **Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat**

xortawahda kien imiss lilu li jressaq il-provi illli huwa aġixxa b'diliġenza biex jevita milli jsir ir-reat jew inkella li dan ir-reat seħħ mingħajr l-għarfien tiegħu. Dawn il-provi l-appellant jibqa' ma jressaqhomx, kif lanqas iressaq ebda prova sabiex jeżonera ruħu mir-responsabbilta' penali. Illi allura ġustament l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex issib il-ħtija ġaldarba sabiex jissussisti ir-reat jenħtieġ li jkun ippruvat unikament fl-ewwel lok li kien hemm l-Ordni tal-Waqfien u ta' Konformita maħruġa skont il-liġi fil-konfront tal-appellant, u fit-tieni lok illi huwa ma ottemperax ruħu mal-istess, fatti li jirriżulta inkonfutabbilment ippruvati. Illi fil-fatt mix-xiehda ta' Stanley Gatt, in rappresentanza tal-Awtorita' għal-Ambjent u r-Risorzi, jirriżulta illi fuq il-post l-appellant kien ġie mitkellem u ntrabat li jwaqqaf ix-xogħolijiet, iżda imbagħad meta saret spezzjoni ftit tal-ħin wara rriżulta illi huwa ma kienx ottempera ruħu mal-Ordni u baqa' għaddej xortawaħda bix-xogħolijiet, tant illi sar aktar skavar fuq is-sit.

Illi fil-fehma tal-Qorti lanqas ma jista' l-appellant jeżonera ruħu mir-responsabbilta' penali meta jgħid illi huwa kiser din l-Ordni għaliex kien qed jingħata ordnijiet kunfliġġenti minn żewġ awtoritajiet. Jibda biex jingħad, għal darb'oħra, li l-appellant ma xehedx u allura dan il-kunflitt li jitkellem dwaru u li jgħid li sab ruħu fiha ma jirriżultax mill-atti, għalkemm kemm Frederick Azzopardi kif ukoll il-Perit David Vassallo xehdu illi kienu tal-fehma illi x-xogħoijiet kellhom jitkomplew minħabba li dehrilhom li kien hemm dak il-perikolu ravviżat fl-artikolu 70 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal darb'oħra jerġa' jingħad illi kien hemm Ordni ċara maħruġa minn Awtorita'. L-appellant kiser dik l-Ordni. *Ut sic*! Il-ksur jirriżulta li seħħ, u allura dak li jikkontendi l-appellant ma jistax jeżonerah mill-ħtija. Għalkemm tali ċirkostanzi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi allura għalkemm l-aggravji fil-mertu imqanqla mill-appellant ma jistgħux jkunu milqugħa, il-Qorti, madanakollu hija tal-fehma illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu, anke fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali li ġew imressqa mid-difiża issa fi stadju ta' reviżjoni, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni, u dan apparti il-konsiderazzjonijiet siewja indikati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fosthom l-istqarrijiet kontradittorji maħruġa mill-Awtorita'' (ERA) stess li f'nifs wieħed qed tenforza l-ħarsien u l-konservazzjoni tal-ambjent, f'Żona Speċjali ta' Konservazzjoni u

sussegwentement iddikjarat, stranament, f' *Joint statement* ma' *Infrastructure Malta*[10] illi l-Ordni ma kenitx fis-sens illi x-xogħol kellu jitwaqqaf, iżda biss illi jiġi żgurat illi dan isir bl-inqas impatt fuq l-ambjent, u dan meta kien hemm Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' li kien għadu *in vigore*. Illi dan magħdud għalhekk is-segwenti fatturi ulterjuri għandhom iwasslu għal mitigazzjoni fil-piena:

1. Illi l-appellant ma kienx il-persuna li direttament ħadet id-deċiżjoni li jsiru xogħolijiet f' Wied Qirda li setgħu kienu ta' ħsara ambjentali.
2. L-appellant għalhekk kien qed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' *Infrastructure Malta*.
3. Illi llum il-ġurnata x-xogħolijiet rimedjali saru kollha għas-sodisfazzjon tal-Awtorita'.
4. Illi fuq kollox tħallset multa ta' kuljum minn *Infrastructure Malta* in konnessjoni mal-Ordni maħruġa fuq is-sit ta' €50,100, tant illi kif dikjarat mix-xiehda ta' Dr. Aimee Brincat quddiem din il-Qorti, l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi llum tinsab pjenament sodisfatta bix-xogħolijiet li saru u bil-multa li tħallset.

Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija ċertament waħda eċċessiva f'dawn iċ-ċirkostanzi bl-appellant allura għandu jeħel multa li tqarreb lejn il-minimu stabbilit fil-liġi. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-provi dwar il-valur tax-xogħolijiet li saru mingħajr awtorizazzjoni u kwindi l-Qorti ma tistax tapplika dik il-piena kif imfassal fil-*proviso* għall-artikolu 84(1) tal-Kapitolu 549, kif lanqas tista' tgħaddi biex timponi piena ta' priġunerija meta, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma hemm prova dwar iż-żmien li fih kien hemm it-tkomplija tar-reat u dan meta l-aħħar spezzjoni jidher li seħħet fis-06 ta' Frar 2020. Kwindi il-benefiċċju tad-dubbju għandu jmur favur l-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda tvarja l-piena inflitta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €3000.

[10] Ara Dokument IM25

**Edwina Grima**
**Imħallef**